# Ezami ghall-*Warrant* ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn, 28 ta' Lulju 2008**

**(It-twegibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'ohra fil-kaz ta' persuna bi bzonnijiet specjali, il-hin massimu biex wiehed iwiegeb kemm ghal parti A kif ukoll ghal parti B hu ta' tliet sighat.)**

**<u>Parti A</u>**

Irrispondi <u>tlieta</u> biss minn dawn li gejjin billi tabbozza:

1. L-att gudizzjarju mehtieg biex tibda kawza fil-qorti kompetenti ghar-rizarciment tad-danni fuq il-fatti li gejjin: il-klient tieghek AB, li jghix Ghawdex, kien involut f'incident awtomobilistiku fid-dahla tas-Sannat, Ghawdex, ma' vettura misjuqa min CD, li jghix Malta. Il-vettura lussuza ta' AB sofriet danni ammontanti ghal aktar min tnax-il elf euro. Minbarra dan, mart AB, li kienet passiggiera fil-karozza, sofriet lezjonijiet personali fil-habta u ghadha sal-lum paralizzata u tehtieg l-uzu ta' *wheel chair.*

2. Rikors ta' appell fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'isem il-klient tieghek fuq il-fatti li gejjin: il-klient tieghek, AB, hassu malafamat bi kliem li CD qal fil-konfront tieghu fil-pubbliku. AB pprezenta kwerela fil-Ghassa tal-Pulizija, u l-Pulizija Ezekuttiva harget citazzjoni ta' kawza privata kontra CD. Il-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati tmexxiet mill-kwerelant. Ghalkemm dik il-Qorti sabet lil CD hati tar-reat ta' ingurja kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali, hija kkundannatu ghall-piena ta' canfira u naqset milli tiddeciedi fuq l-ispejjez skond l-Artikolu 380(1) ta' l-imsemmi Kodici.

3. Rikors fil-qorti kompetenti maghmul mid-derubata wara li l-hati ma ottemperax ruhhu ma' direttiva ta' kumpens inkluza f'sentenza ta' prigunerija sospiza – is-sentenza ta' prigunerija sospiza bid-direttiva ta' kumpens inghatat mill-Qorti Kriminali, u minn dik is-sentenza ma kienx hemm appell.

4. (i) Rikors ghar-ritrattazzjoni ta' kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell, kif ukoll (ii) rikors ghat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata pendenti l-ezitu tar-ritrattazzjoni.

5. L-att gudizzjarju mehtieg fil-qorti kompetenti sabiex il-klient tieghek – li hu l-attur f'kawza ta' separazzjoni personali – jitlob lill-qorti ta' l-ewwel grad tghaddi ghad-decizjoni ta' wahda mit-talbiet minnu proposti li dik il-qorti halliet barra fis-sentenza taghha.

6. Rikors ta' *challenge* lill-Pulizija a nom tal-klient tieghek, AB, sabiex il-Qorti tal-Magistrati tordna lill-istess Pulizija jmexxu kontra CD (li huwa kuntistabbli) fuq denunzja maghmula minn AB li hu u tliet persuni ohra kienu raw lill-imsemmi CD jaggredixxi u jsawwat terza persuna.

**Parti B**

Irrispondi mistoqsija <u>wahda</u> biss minn dawn li gejjin:

1. Gejt avvicinat minn persuna li hi interressata tixtri proprjeta` li l-klient tieghek irid ibiegh. Il-partijiet jaslu ghal ftehim ta' bejgh bis-sahha tal-intervent tieghek bhala avukat. Fuq l-att tal-bejgh tigi offerta senserija mill-komapratur u l-venditur. X'inhi l-posizzjoni ta' avukat vis-a-vis l-offerta tas-senserija f'sitwazzjoni simili? X'timplika jew x'tista' timplika tali offerta mill-punto di vista ta' etika?

2. Fil-kors tal-procedura ta' medjazzjoni jsiru diversi laqghat bejn il-konjugi u l-avukati taghhom bil-ghan li jintlahaq ftehim bonarju li jista' jwassal ghal kuntratt ta' separazzjoni. Waqt dawn it-trattativi, li saru bla pregudizzju, il-partijiet jiskambjaw bosta informazzjoni dwar l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Ftehim ma jintlahaqx u ghalhekk il-partijiet ikollhom jghaddu ghall-kontenzjuz. X'uzu jistghu, jekk jistghu, jaghmlu l-avukati fil-kawza mill-informazzjoni li huma kisbu fil-kors tal-laqghat li kienu saru u dokumenti li gew skambjati? Ikkummenta.

3. Sa fejn jista' avukat "jippartecipa" fid-difiza ta' persuna li tammetti mieghu li hija hatja tar-reat li tinsab akkuzata bih, specjalment meta tkun involuta d-difiza ta' "alibi"?